MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 336/2014

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Joseph Grixti (K.I. 519060M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€333.27c), in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija cellulari 9412778 (AC50982828).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4846/10, u bl-imghaxijiet mill-21 ta' Dicembru, 2010, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC50982828

Dok B – Kuntratt

Dok C - Ittra Ufficjali 4846/10

Dok D – Estratt mir-Registru Elettorali

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu tal-24 ta' Gunju, 2014 mill-Avukat Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€333.27c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-avviz ta' din it-talba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------